**2 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B. Litt., LL.D.**

**Lewis Farrugia**

***versus***

**Is-Sinjurija Tiegħu Trafford Smith et. ne.**

**Konfiska — Kompetenza**

*Il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' talba ta' bniedem li kien akkużat u kundannat fi proċess kriminali, biex jintraddu lura lilu xi oġġetti li kienu elevati in konnessjoni mal-proċess kriminali, hija l-istess Qorti Kriminali li taħt l-awtorità tagħha jinsabu dawk l-oġġetti; għax hija dik il-Qorti li għandha tiddeċidi jekk dawk l-oġġetti għandhomx jintraddu lura jew le lil dak il-bniedem.*

*Jekk tqum kwistjoni bejn terzi persuni li mhumiex l-akkużat jew il-misjub ħati dwar il-proprjetà reklamata, jew bejn l-akkużat u terza persuna dwar il-proprjetà tal-oġġetti eżibiti, u l-Qorti Kriminali tirrimetti lill-partijiet quddiem il-Qorti Ċivili għad-deċiżjoni tal-punt, wara dik id-deċiżjoni, li tkun tirrigwarda l-proprjetà u mhux ir-restituzzjoni, dan l-aħħar att u provvediment jibqa' dejjem tal-Qorti Kriminali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress illi fl-attijiet tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs. Lewis Farrugia" l-Prosekuzzjoni eżibiet car numru 6741 Ford Prefect, ta' proprjetà tal-attur, li kienet ġiet elevata mill-pussess tal-attur, liema car ġiet immarkata bħala dok. "F"; u peress li fuq l-attijiet kompilati l-attur ġie sottopost għal proċess kriminali b'ġuri, u fl-4 ta' Lulju 1957, fil-kawża "Reġina vs. Farrugia", ġie kundannat għal serq wara li ġie dikjarat ħati mill-ġurija skond l-att tal-akkuża; u peress li fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-4 ta' Lulju 1957 ma kien hemm ebda ordni għall-konfiska tal-imsemmija car, u lanqas saret ebda menzjoni tagħha; u peress li l-attur ġie misjub ħati mill-ġurija skond l-att tal-

akkuża, u f'dan l-att ma saret ebda menzjoni tal-imsemmija car, u ma ġiex allegat li l-car in kwistjoni serviet bħala strument għall-kommissjoni tad-delitt dedott; u peress li dan ma ġiex konstatat fil-proċess minn ebda awtorità ġurisdizzjonali, ċjoè la mill-Imħallef sedenti u lanqas mill-ġurija, u per konsegwenza l-car la tinsab konfiskata u lanqas tista' tiġi konfiskata; u peress li fuq rikors biex jirtira l-imsemmija car, preżentat fit-3 ta' Ottubru 1957, il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina, b'digriet tagħha tat-12 ta' Frar 1959, ċaħdet it-talba, u l-attur kellu għalhekk jaġixxi per mezz ta' din iċ-ċitazzjoni; talab li jiġi minn din il-Qorti dikjarat u deċiż, in vista tal-premess, illi l-car in kwistjoni numru 6741 mhix konfiskata, la permezz ta' sentenza u lanqas skond il-liġi; l-istess konvenuti nomine, jew min minnhom, jiġi kundannati konsegwentement li jikkunsinnaw lill-attur l-istess car 6741 bħala proprjetarju tagħha, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom impost minn din il-Qorti, u in difett iħallsu lill-attur dak l-ammont li jiġi stabbilit minn dil-Qorti bħala valur tal-car in kwistjoni, anki għall-bżonn per mezz ta' periti nominandi; u dan kollu inattiż id-digriet fuq imsemmi tal-Qorti Kriminali tal-Maestà tar-Reġina. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, li biha qalu illi (1) l-Onorevoli Dr. Cremona nomine u Vivian de Gray nomine mhumiex il-leġittimi kontradittturi f'din il-kawża, u għalhekk jissottomettu bir-rispett li din il-Qorti għandha tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż għall-attur; (2) il-karrozza in kwistjoni hija konfiskata lejn il-Kuruna. kif jidher mid-digriet tal-Onorevoli Qorti Kriminali tat-12 ta' Frar 1959, wara l-attijiet tal-kawża fl-ismijiet "Reġina vs. Lewis Farrugia", deċiża fl-4 ta' Lulju 1957, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċidi fuq il-kwistjoni tal-lum; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-attijiet li għalihom saret riferenza jirriżulta illi fl-4 ta' Lulju 1957 ġie maqtugħ finalment il-proċess kriminali "Il-Maestà Tagħha r-Reġina vs. Giuseppe Micallef u Lewis Farrugia (l-attur)", *fejn iż-żewġ akkużati*, wara li ġew misjuba ħatja ta' serq kontinwat, aggravat bil-lok, ħin u valur, ta' oġġetti ta' proprjetà tal-Gvern Imperjali li jiswew aktar minn £10 iżda anqas minn £100, ġew kundannati għall-piena tax-xogħol iebes għal żmien sena. F'dak l-istess *proċess, fost l-oġġetti eżibiti, kien hemm il-karrozza "Ford* Prefect numru 6741, li kienet ta' proprjetà tal-attur (akkużat u in segwitu kundannat), u li, mill-provi tal-proċess kriminali, jirriżulta li kienet ġiet użata bħala mezz għat-trasport tal-oġġetti *jew aħjar ħwejjeġ furtivi*. In segwitu, fit-3 ta' Ottubru 1957, l-attur irrikorra lill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina għar-ritorn u radd lura ta' dik il-karrozza għar-raġunijiet esposti f'dak l-istess att; imma dik l-Onorabbli Qorti, bid-digriet tagħha tat-12 ta' Frar 1957, wara li semgħet it-trattazzjoni, *prevja l-premessa taċ-*ċitazzjoni tal-art. 24(1) Kap. 12 u d-dikjarazzjoni li l-konfiska tal-oġġetti ndikati fl-artikolu msemmi għandhom isegwu neċessarjament il-piena, iddekretat li, salv id-dritt fuq *dik il-karrozza tan-nar ta' min ma kellux sehem fid-delitt*, ċaħdet it-talba;

Illi minn dawn il-fatti l-instanti ġieb il-quddiem il-kawża odjerna, li għandha bħala oġġett ir-radd lura tal-karrozza tan-nar imsemmija, jew il-valur tagħha fin-nuqqas, u li hija ntiża sabiex jiġi kontestat, għar-raġunijiet addotti, id-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-12 ta' Frar 1959; għal liema talba l-*Attorney General u l-Kummissarju* tal-Pulizija taw l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna, u l-konvenuti nomine l-oħra l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi, kif trid il-loġika ġuridika, l-eżami u qtugħ tat-tieni eċċezzjoni, u ċjoè dik tal-inkompetenza, neċessarjament jimponi ruħu qabel l-eċċezzjoni l-oħra;

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina u

tiddeċidi qabel xejn l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha jew le in materja;

Illi fit-Titolu IV Parti III tal-Kap. 12 tal-LL. ta' Malta Ediz. Riveduta, il-leġislatur ikkontempla s-setgħa tal-Qorti Kriminali fuq l-oġġetti ta' proprjetà tal-imputat jew akkużat jew ta' nies oħra, oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri kriminali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kollha meħuda mill-Kodiċi ta' Proċedura Penali Naplitan altrimenti konoxxut bħala "Delle Due Sicilie" (ara mill-art. 567 sal-art. 588 — Nicolo Niccolini, Procedura Penale Parte II, Titolo XIII, Libro III, § 344 u § 445 u ta' wara; u Francesco Canofari, Commento dello stesso Codice, Vol. II, Libro III, Titolo XIII, paġ. 159 u ta' wara);

Illi fl-art. 673, 674, 675 u 676 tal-Kap. 12, il-leġislatur tagħna tkellem ċar u inekwivokament dwar liema Qorti kellha taħseb u tordna r-ritorn, sospensjoni jew ritenzjoni tal-oġġetti li jkunu jappartjenu lill-akkużat jew oħrajn, meta dawk l-istess oġġetti jkunu konnessi ma' proċess kriminali. Infatti, fl-art. 673 u 674 (li huma korrispondenti għall-artikoli tal-Proċedura Penali Naplitana 578, 579, u 580), wara li fl-ewwel wieħed japponi r-regola li l-oġġetti appartenenti lill-akkużat li ma jkunux vizjati (ċjoè li ma jkunux konnessi mar-reat) għandhom jiġu lilu jew lir-rappreżentant tiegħu restitwiti, in omaġġ tal-prinċipju sagru tal-proprjetà. fl-art. 674(1), li mhux preċettiv imma biss fakoltattiv fil-Maġistrat, japporta fl-ipotesijiet imsemmija eċċezzjoni għal dak l-artikolu ta' qabel, u fl-istess art. 674(2) mbgħad eskluda l-eċċezzjoni fil-każ ta' idonea kawzjoni. L-art. 675 u 676 Kap. 12 (korrispondenti għall-art. 581 u 582 tal-Kodiċi Proċedura Penali Naplitan) mbgħad jikkompletaw ruħhom a viċenda, kif jidher mill-kelma u mill-ispirtu tal-liġi rigwardata bħala "tota", u mhux fid-diversi dispożizzjonijiet separati. Infatti, meta fl-artikoli menzjonati l-leġislatur iddispona li l-proprjetà li tappartjeni lill-akkużat, konnessa mar-reat jew ma' dik li semma' fl-art. 674(1), tkun miżmuma sat-terminazzjoni tal-ġudizzju, u in segwitu qal li, jekk l-akkużat jiġi misjub ħati, il-proprjetà tiegħu, ammenokkè ma tkunx suġġetta għall-konfiska jew sekwestrata skond il-liġi, tkun ukoll lilu ritornata, wera ċar li huwa

kien qiegħed jagħmel differenza bejn proprjetà tal-akkużat konnessa mar-reat mhux suġġetta għall-konfiska u ħwejjeġ oħra ta' proprjetà tal-akkużat konnessi mar-reat imma suġġetti għall-konfiska;

Jekk *proprjetà* konnessa mar-reat hijiex jew le suġġetta għall-konfiska huwa determinat mill-art. 24 tal-Kap. 12. Minn dan jitnissel li l-proprjetà li tkun imdaħħla fil-proċeduri kriminali, u li ma tkunx skond dak l-art. 24 suġġetta għall-konfiska, għandha tiġi ritornata mill-Qorti lill-akkużat jew misjub ħati. Tali oġġetti li ma humiex suġġetti għall-konfiska, imma suġġetti għas-sekwestru, jistgħu jkunu l-ħwejjeġ *li jkun liebes bihom l-imputat jew akkużat* meta jkun ikkommetta r-reat u li jistgħu jiġu eżibiti fil-proċess kriminali għal diversi raġunijiet, ad eżempju għall-identità tal-akkużat, sabiex jiġi pruvat li huwa ħa parti fir-reat, l-għaliex fuqhom ikun hemm traċċi tar-reat, jew ħafna raġunijiet oħra, dejjem in konnessjoni mal-prova tal-parteċipazzjoni fir-reat. Mill-banda l-oħra, l-oġġetti li ma jistgħux jiġu ritornati huma dawk li jikkostitwixxu l-"corpus delicti" (kompriż il-lum f'din il-kelma "corpo del reato"), l-istrumenti li servew jew li kellhom iservu sabiex id-delitt isir, u kull ma jkun ġie akkwistat bid-delitt, li jkunu ċertament jappartjenu lill-akkużat, u li jkunu konfiskati in konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt kif hemm maħsub fl-art. 24(1) tal-*Kodiċi Kriminali;*

Illi minn dan li ntqal jitnisslu dawn il-konsegwenzi legali:—

Illi l-oġġetti appartenenti lill-akkużat li ma jkollhom x'jaqsmu xejn mar-reat jiġu per regola restitwiti lill-akkużat, ammenokkè konsiderazzjonijiet *tal-valur in relazzjoni* għall-valur tal-oġġett reklamat fl-isfond tal-kondizzjoni fqira jew ta' sospettata fortuna tal-akkwist, jew relazzjonijiet għall-ispeċi ta' reat indikati mil-liġi, u li jattakkaw il-proprjetà (falsifikazzjoni bil-ħsieb ta' approprjazzjoni minn ħaġa ta' ħadd ieħor, jew għal serq, jew għal reati oħra *kontra l-proprjetà) ma jkunux jissuġġerixxu* lil min ikun jippresjedi l-Qorti, taħt liema awtorità jkunu eżibiti l-oġġetti, fil-prudenzjali arbitriju tiegħu, ma jkunux jawtoriz-

zaw is-sospensjoni tar-restituzzjoni (art. 674(1) (a) u (b), korrispondenti għall-art. 579 tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali Naplitan), imma bl-intelliġenza ċara li, jekk l-akkużat iġib garanzija idonea li tkun tiggarantixxi l-eventwali dritt tal-proprjetarju, jekk qatt ikun hemm u jippreżenta ruħu u ma jkunx l-akkużat, dik il-fakoltà fil-Maġistrat ma jkollhiex bżonn li tiġi aktar eżerċitata (art. 674(2) korrispondenti għall-art. 580 tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali Naplitan). Din ir-restituzzjoni, fi kwalunkwe event, trid issir mat-terminazzjoni tal-proċess finalment, u kwindi mas-sentenza; u fil-każ li l-akkużat, wara li jiġi misjub ħati, jitlob li jsir proċess ġdid u l-istanza tiegħu tiġi akkolta, mat-terminazzjoni ta' dan il-proċess bis-sentenza finali (ara art. 675 u argument li jitnissel neċessarjament minnu);

2. Illi l-liġi tagħmel differenza bejn proprjetà tal-imputat jew akkużat li tkun konnessa mar-reat u mdaħħla mal-proċess kriminali li hija restitwibbli wara t-terminazzjoni tal-proċess, u proprjetà oħra tal-akkużat konnessa mar-reat u mdaħħla mal-proċeduri kriminali li hija, in konsegwenza tal-piena tad-delitt, suġġetta għall-konfiska (art. 675 u 676 u 24 tal-Kap. 12);

3. Illi l-oġġetti ta' proprjetà tal-akkużat suġġetti għall-konfiska skond l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali mhumiex ritornabbli u restitwibbli, mentri l-oġġetti mdaħħla taħt l-istess artikolu tal-Kodiċi Kriminali, meta jkunu jappartjenu lil persuna li ma hix l-akkużat, u li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, huma restitwibbli lil min għandu jedd għalihom (art. 24(1) Kod. Kriminali);

4. Illi r-restituzzjoni tal-oġġetti eżibiti fil-proċess kriminali trid dejjem tiġi mitluba lill-Qorti Kriminali li taħt l-awtorità tagħha jkunu jinstabu l-oġġetti li jkollhom konnessjoni mal-proċediment kriminali; liema prinċipju jiddixxendi mid-dispożizzjonijiet li ġew imsemmija. Dan il-fatt ġuridiku jagħti setgħa tal-eżami tal-kwistjoni lil dik il-Qorti għandhiex jew le trodd lura l-oġġetti, skond dak li huwa dispost fil-liġi fit-Titolu IV tal-Parti III tal-Kap. 12. Jekk tqum kwistjoni bejn terzi persuni li mhumiex l-akkużat jew il-misjub ħati dwar il-proprjetà reklamata, jew bejn

l-akkużat u terza persuna dwar il-proprjetà tal-oġġetti eżibiti, u l-Qorti Kriminali tirrimetti lill-partijiet quddiem il-Qorti Ċivili għad-deċiżjoni tal-punt, wara dik id-deċiżjoni, li tkun tirrigwarda l-proprjetà u mhux ir-restituzzjoni, dan l-aħħar att u provvediment jibqa' dejjem tal-Qorti Kriminali;

Ikkunsidrat;

Illi, apparti dak li jista' jingħad inċidentalment għall-finijiet tal-ġustizja sostanzjali fil-meritu dwar il-validità tar-raġunijiet addotti mill-instanti għat-talba tiegħu, kif jista' jidher minn nota "A", li għandha tiġi reġistrata, din il-Qorti hi tal-fehma konsiderata li għar-restituzzjoni tal-karrozza tal-attur imsemmija hija biss kompetenti l-Onorabbli Qorti Kriminali, li diġà ħadet konjizzjoni tal-kwistjoni, kif kellha dritt tagħmel;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li din il-Qorti, għall-każ sottomess, mhix kompetenti, u li hija kompetenti l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li ddirimiet il-kwistjoni bid-digriet tagħha fuq imsemmi; u jekk hemm bżonn tastjeni ruħha milli taqta' l-eċċezzjoni tal-leġittimità tal-persuni; bl-ispejjeż għall-attur;

---

## Nota "A"

1. Il-mezzi ta' trasport tal-ħwejjeġ furtivi sorpreżi għand l-imputat p. eż. fit-trasport tal-oġġetti furtivi għand l-imputat fil-mument li jkun sejjer jikkonsuma s-serq (tentattiv), jidħlu taħt id-diċitura "strumenti li jkunu servew jew li jkunu destinati għall-kommissjoni tar-reat", anki jekk ma jiġux adoperati (ara Roberti, Corso Completo del Diritto Penale del Regno delle Due Sicilie. Vol. I, Della Confiscazione Speciale, P. I, Tit. I, Capo VI, Sez. I, parag. 225). "Multo magis" meta jiġi kommess u konsumat ir-reat, jew aħjar delitt;

2. L-art. 24(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddikjara il-konfiska bħala konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt. L-awturi tat-Teorija (Chaveau et Helie, Vol. I, P. I, paġ. 150 u 151) jiddikjaraw li, biex ikun hemm konfiska, l-istess trid tkun awtorizzata mit-test tal-liġi, u jiddikjaraw li għandha tiġi pronunzjata *fejn ikun hemm* dikjarazzjoni ta' reità. Dan jekwivali għall-adozzjoni tal-konfiska mħabba l-konsegwenza tal-piena, l-għaliex ma jistax ikun hemm piena bla dikjarazzjoni tal-konvinzjoni;

3. Falzon, Annotazioni alle Leggi Criminali, Vol. I, paġ. 162, para. 196:— "La confiscazione, secondo quest' articolo (art. 22 ta' *allura, il-lum 24(1)*, è una conseguenza della pena, e pertanto non è necessario che sia domandata nell'atto di accusa o che sulla stessa sia espressamente pronunziata una decisione";

4. Darba li l-konfiska hija konsegwenza tal-piena, ma *kienx hemm bżonn* ta' ebda konstatazzjoni tal-Imħallef fil-ġuri, u lanqas ta' ebda dikjarazzjoni mill-parti tal-ġurija, li fuq il-pieni u l-konsegwenzi tagħhom ma għandhiex setgħa skond il-liġi, l-għaliex l-istess pieni huma mħollija f'idejn il-Qorti.